MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 1240/2010

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Rennie Cutajar (K.I. 164190M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ seba’ mija, disgha u disghin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€799.78) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici a bazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (document ‘A’ ta’ rendikont anness mat-talba) ghal servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat.

Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-pagament effettiv izda dan baqa’ inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat izda deher ghas-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2010 fejn taht gurament ammetta t-talba izda xtaq illi l-ammont mitlub jithallas ratejalment.

Illi it-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' attrici ippruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal izda t-Tribunal jixtieq illi l-istess Socjeta` attrici tiehu in konsiderazzjoni hlas ratejali ghal pagament min-naha tal-konvenut.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba bl-ispejjez u interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------